**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Mejju 2025**

Rikors Numru: 124/2025 AL

A B

Vs

C D

(M.R. Numru 1788/2018)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

Illi l-partijiet zzewgu f'Malta nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) [certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat **DOK A];**

Illi minn dan iz-zwieg twieldu fit-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) binhom **E D;**

Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono tad-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa u ghoxrin (2025) wara li kienu ilhom de facto sseparati minn Awissu tas-sena elfejn u tlieta u ghxorin (2023) [kopja tal-istess hawn anness u mmarkat **DOK B];**

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi t-partijiet komplew b'hajjithom separatament minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet, lanqas ghall-minuri E wara li dan thallas kollu bil-quddiem kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi ghalhekk l-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku u dan taht kull provediment iehor li din I-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz tieghu espona:

1. Illi preliminarjament l-esponent jaqbel illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u ghoxrin ta’ Gunju tas-sena elfejn u tmintax (22/06/2018); kif ukoll li miz-zwieg taghhom twieled E D nhar it-tlieta ta’ Gunju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (03/06/2021);

2. Illi l-esponent jaqbel ukoll li l-partijiet isseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni in atti nutar Jean Carl Debono datat id-disgha ta’ Jannar tas-sena elfejn u hamsa u ghoxrin (09/01/2025) anke jekk huma kienu ilhom fattwalment jghixu separati sa minn Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u effettivament damu biex ressqu fuq l-kuntratt ta’

separazzjoni ghax kienu qed jistennew li tohrog facilita` ta' self fuq ir-rikorrenti biex il-proprieta` ddur fuqha, kif fil-fatt gara;

3. Illi bejn il-partijiet m'hemmx pendenzi dwar il-manteniment la taghhom u lanqas ta' binhom stante li l-esponent hallas l-istess bil-quddiem kif anke jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni;

4. Illi l-esponent jikkonferma illi huwa minnu li bejniethom m'hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni;

5. Illi ghalhekk m'ghandux oggezzjoni ghall-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur;

6. Illi madanakollu l-esponent jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni;

Tant ghandu x'jissottometti l-esponenti f'dan l-istadju.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Marzu 2025;

Rat ir-risposta tal-intimat a fol. 17 tal-process;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Jannar 2025 u de facto separati minn Awwissu 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.